**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Nru. 727/21**

**Illum, 6 ta' Dicembru, 2022**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza fil-konfront tal-imputat -Omissis- detentur tal-passaport -Omissis- numru -Omissis- akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-gzejjer matul Novembru 2019 u fix-xhur ta' qabel;

Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' 15 il-sena u cioe' -Omissis-.
Art 204C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru 2022 l-imputat ammetta l-akkuza kif dedotta kontrih u kif ukoll rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jahsibha u dan wara li talab li jithejja *social enquiry report* fejn hareg illi l-imputat ghandu relazzjoni stabbli mal-vittma f'dawn il-proceduri u -Omissis- kienet ikkonfermat dan bil-gurament u qalet:

*"Hekk kif diga' gie spjegat -Omissi- tghid li ilha dawn l-ahhar tliet snin f'relazzjoni stabbli ma' -Omissis-. Hija tiddeskrivih bhala ragel biezel hafna, jistinka hafna kemm f'xoghlu u kif ukoll mal-familja taghhom. Meta hija kienet qed tahdem huwa kien jara li jkun iktar id-dar mat-tifel sabiex ir-responsabilita' ma taqax biss fuq omm -Omissis-. Hija tghid ukoll li -Omissis- huwa ragel riservat li jipprijoratizza l-familja kemm taghhom u kif ukoll lill-genituri taghha, specjalment minhabba li missierha jbati mid-dipressjoni u jkollu bzonn hafna sapport.*

*-Omissis- sostniet li minkejja li hija ghadha zghira, xorta wahda tara futur ma' -Omissis- u huma qed jippjanaw biex jizzewgu s-sena d-diehla. Hija ser tkompli bl-istudju taghha din is-sena u l-imputat qed joffrilha hafna sapport fuq hekk kemm emozzjonalment kif ukoll finanzjarjament."*

Semghet ix-xhieda ta' omm -Omissis- u l-istess -Omissis- li kkonfermaw li fl-istadju inizzjali tar-relazzjoni, l-imputat ma kienx konxju illi l-istess -Omissis- kienet ghadha minuri izda li

wara din kienet qaltlu. Rat ukoll illi permezz tal-imputat f'hajjet il-minuri, din inbidlet totalment billi saret aktar trankwilla u responsabbli. Illi din il-Qorti ghandha s-serhan tal-mohh ukoll illi l-attivitajiet sesswali saru bil-kunsens taz-zewg partijiet f'kull stadju tar-relazzjoni taghhom.

Rat ukoll illi apparti r-relazzjoni stabbli bejn l-imputat u -Omissis- twieled wild li l-imputat ghandu sehem attiv fit-trobbija tieghu.

Ikkunsidrat illi temmen illi li kieku kellha timponi piena karcerarja stante li l-Artikolu 204C timponi bhala l-anqas piena hames (5) snin prigunerija, dan il-wild mhux ser ikollu beneficcju li jgawdi lil missieru kif suppost u dan meta gie ampjament ippruvat illi l-unika raguni ta' dan ir-reat kien ghaliex il-genituri tieghu jinhabbu.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ser tapplika l-provvediment tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"Bla hsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 492, il-qorti tista', għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, tagħti dik il-*

*piena iżgħar li, fid-diskrezzjoni tagħha, tkun tixraq, għad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7."*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 21 u 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **-Omissi-** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**